**24 ta' Jannar, 1997**

**Imhallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.(Hist.)S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Dr. Mario Schembri *noe*

*versus*

Joseph Carbonaro *noe*

## Proċediment sommarju speċjali

*F'azzjoni istitwita bil-proċediment sommarju speċjali a tenur tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 167 sa 170 tal-Kap. 12, meta l-konvenut jitlob li jinghata l-fakoltà li jikkontesta t-talba, l-konvenut irid jaghti prova li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed biex juri li ghandu eċċezzjonijiet* prima facie *fil-ligi jew fil-fatt xi jgib kontra l-mertu ta' l-azzjoni li huma bizzejjed biex jaghtuh il-jedd li jopponi t-talba jew li jaghmel il-kontro-talba.*

*Jispetta lill-Qorti li taghmel l-apprezzament mehtieg u jekk il-konvenut ma jissodisfax lill-Qorti li* prima facie *ghandu eċċezzjoni valida x'jaghti, l-Qorti tiddeċidi minnufih il-kawza billi tilqa' t-talba ta' l-attur.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ (illum Prim'Awla tal-Qorti Ċivili) moghtija fis-26 ta' Jannar, 1994 li tinqara hekk:

"Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' tlett elef, seba' mija u wieħed u ħamsin lira Maltija u sitta u disgħin ċenteżmu (Lm3,751.96,0) rappreżentanti l-prezz ta' prodotti tat-tindif u deterġenti mibjugħa u kkonsenjati lis-soċjetà konvenuta, fuq ordni tagħha mis-soċjetà attriċi u dan kif jirriżulta minn *statement* hawn anness Dok. B;

Peress li għalkemm mitlub biex iħallas diversi drabi l-konvenut *nomine* baqa' inadempjenti;

U peress li l-kreditu ta' l-attur *nomine* fis-somma ta' Lm3,751.96,0 hu ċert likwidu u esiġibbli u l-konvenut fil-fehma ta' l-attur *nomine* ma għandu l-ebda difiża valida opponibbli f'din il-kawża kontra t-talba ta' l-attur *nomine* għal ħlas ta' dik is-somma kif jidher mill-affidavit hawn anness Dok. A;

L-istess attur talab li għar-raġunijiet premessi (1) dina l-Qorti tagħti s-sentenza u tilqa t-talba ta' l-attur *nomine* bla ma tgħaddi għas-smigħ tal-kawża kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap.12) u hekk tikkundanna minnufih lill-konvenut *nomine* iħallas lill-attur *nomine* is-somma ta' Lm3,751.96,0 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq;

Bl-imgħax kummerċjali mid-data tal-konsenja tal-ħlas effettiv u bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra tat-23 ta' Novembru, 1993 u tal-Mandat ta' Qbid u tal-Mandat ta' Sekwestru preżentati kontestwalment kontra l-konvenut *nomine*;

Semgħet ix-xhieda tal-konvenut fl-udjenza tal-lum u semgħet lid-difensuri;

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum u senjatament rat id-digriet moghti. Seduta stante li bih ġie deċiż li l-konvenut *nomine* m'ghandhomx eċċezzjonijiet validi u (li) jopponi t-talba ta' l-attur u għalhekk ipposponiet il-kawża ghas-sentenza;

Billi t-talba ta' l-attur hija ġustifikata;

Tilqa' t-talba ta' l-attur *nomine* kif dedotta bl-ispejjeż kontra l-konvenut *nomine* li lilu jibqa' riservat kull dirtt <u>*sit et qautenus* dwar</u> il-pretensjoni tiegħu fil-konfront ta' l-attur";

Rat il-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenut *nomine* li biha talab *inter alia* li din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata u tirrimetti lura l-proċess lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex wara li l-appellant jiġi awtorizzat jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu tiddeċidi l-każ fuq il-meritu wara li tieħu konjizzjoni ta' l-istess eċċezzjonijiet, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur *nomine*;

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat li ssottometta li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji ta' l-appellant huma:

"Illi fis-seduta tas-26 ta' Jannar, 1994 l-esponent xehed u talab permess li jikkontesta t-talbiet attriċi minħabba li huwa kellu kreditu ukoll likwidu, ċert u dovut kontra s-soċjetà attriċi

u talab għalhekk li ssir tpaċija skond il-liġi ta' l-istess;

Illi din is-sottomissjoni ma ġietx aċċettata bħala eċċezzjoni valida u l-Ewwel Onorabbli Qorti għaddiet għas-sentenza tagħha;

Illi l-eċċezzjoni ta' tpaċija hija eċċezzjoni valida u espressament rikonoxxuta mil-liġi in via ta' eċċezzjoni u għalhekk l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt ma tippermettix il-preżentata ta' eċċezzjonijiet da parte ta' l-esponent. Mhux il-każ li l-Ewwel Qorti għandha tidħol fil-fond fil-meritu iżda biss għandha tindaga dwar jekk hemmx eċċezzjoni valida;

Illi l-kreditu ta' l-esponent jikkonsisti f'valur ta' merkanzija li kienet għand l-attur *nomine* u dan kien qiegħed jirrifjuta li jirrilaxxjaha jekk l-ewwel ma jkollux il-pagament dovut lilu f'idejh;

Hekk ukoll l-esponent ma sab l-ebda diffikoltà li jħallas ġà la darba jkun jaf li ser jieħu l-konsenja ta' dak li jappartjeni lilu. Fil-fatt il-partijiet kienu ftehmu dwar skambju ta' dak dovut minn kull wieħed, iżda l-esponent ma setax jmur f'data li kienet suġġerita minħabba diffikoltajiet ta' ħaddiema ta' orarju ta' xogħol;

Illi l-esponent għalhekk qatt ma rrifjuta li jħallas u ma kellux fiċ-ċirkostanzi jiġi rinfaċċjat bl-azzjoni odjerna u mandati preżentati kontestwalment u jipprotesta ruħu għall-ispejjeż ta' l-istess. Fil-fatt huwa pprovda permezz ta' garanziji bankarji għall-mandati maħruġa kontra tiegħu fejn effettivament għalhekk kellu joħroġ il-flus mitluba mill-attur *nomine* sabiex jagħmel tajjeb għal dawn";

L-attur appellat issottometta illi:

Minn ebda parti tal-petizzjoni tal-konvenut appellant ma jidher li b'xi mod qed jinghad li l-ammont mitlub mhux dovut. L-uniku aggravju tal-konvenut appellant hu li l-Ewwel Qorti ma akkordatx it-talba tieghu biex jinghata żmien biex jippreżenta l-eċċezzjonijiet tieghu billi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma laqghetx is-sottomissjonijiet tieghu li hu kellu kreditu ukoll likwidu, ċert u dovut kontra s-soċjeta appellata u ghalhekk issir tpaċija ta' l-istess. Tant il-konvenut appellant qed jammetti l-kreditu tieghu lejn is-soċjetà appellata li fil-petizzjoni odjerna talab it-thassir tas-sentenza appellata biex il-proċess jiġi rimess lill-Ewwel Onorabbli Qorti u mhux ir-revoka tas-sentenza biċ-ċahda tat-talbiet attriċi. S'intendi ghaliex l-appellant jaf li l-ammont hu dovut u kienet korretta l-Ewwel Onorabbli Qorti fid-deċiżjoni taghha;

*Omissis*;

Illi ghalkemm huwa minnu dak li ssottometta l-appellant u ċjoè li l-eċċezzjoni ta' tpaċija hija eċċezzjoni valida, jew ahjar, tista' tkun eċċezzjoni valida, però f'azzjoni bhal dik odjern, istitwita bil-proċediment sommarju speċjali a tenur tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) meta l-konvenut jitlob li jinghata l-fakoltà li jikkontesta t-talba l-konvenut irid jaghti prova li fil-fehma tal-Qorti tkun biżżejjed biex juri li ghandu eċċezzjonijiet *prima facie* fil-liġi jew fil-fatt xi jġib kontra l-meritu ta' l-azzjoni, li huma biżżejjed biex jaghtuh il-jedd li jopponi t-talba jew li jaghmel kontro-talba. Jispetta lill-Qorti li taghmel l-apprezzament mehtieġ u jekk il-konvenut ma jissodisfax lill-Qorti li *prima facie* ghandu eċċezzjoni valida x'jaghti l-Qorti tiddeċidi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talba ta' l-attur. Ghalhekk mhux ghax il-konvenut sempliċement jallega li ghandu eċċezzjoni valida allura l-Qorti hija obbligata li taghtih il-fakoltà li jippreżentaha ghaliex kieku kien hekk, l-azzjoni bil-proċediment sommarju speċjali, maghrufa bhala

"bil-giljottina" faċilment tiġi stultifikata;

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezament ġust u korrett meta wara li semgħet lill-konvenut bil-ġurament iddeċidiet li huwa ma kellux *prima facie* eċċezzjonijiet validi biex jopponi t-talba attriċi. Mix-xhieda li kien ta l-istess konvenut jirriżulta li l-allegata pretensjoni tiegħu fil-konfront tas-soċjetà attriċi kienet dwar materjal appartenenti lilu li kien għand is-soċjetà attriċi. Però kien il-konvenut li naqas li jmur u jirtira dan il-materjal. Il-konvenut ma setax jivvant ebda kreditu kontra s-soċjetà attriċi għall-valur ta' dan il-materjal billi din mhux talli ma approprjatx ruħha minnu talli spiċċat biex iddepożitatu taħt l-awtorità tal-Qorti billi l-konvenut naqas diversi drabi li jmur u jirtirah nonostante l-appuntamenti li saru għal dan l-iskop;

Għalhekk, kien tort tal-konvenut li l-materjal sa dak in-nhar li ġiet ippreżentata l-azzjoni odjerna, baqa' għand is-soċjetà attriċi. Kjarament din l-inadempjenza tal-konvenut ma setgħetx lanqas *prima facie* tikkostitwixxi bażi legali għal kontro-talba għall-valur tal-materjal u kwindi l-konvenut ma setax jivvanta jew jeċċepixxi tpaċija fil-konfront tat-talba attriċi, liema talba ma kinitx kontestata mill-konvenut għaliex l-eċċezzjoni tat-tpaċija timplika l-ammissjoni tal-kreditu ta' l-attur;

Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-aggravji avanzati mill-appellant mhux biss huma nfondati iżda l-appell huwa fieragħ u vessatorju a tenur tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 223 (4) tal-Kap. 12 u għalhekk sejra tapplika s-sanzjoni hemm kontemplata;

Għal dawn il-motivi tiddeċidi billi tiċħad bħala fieragħ u vessatorju l-appell interpost mill-konvenut *nomine* u

konsegwentement, *filwaqt* li tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż *taż-żewġ istanzi* kontra l-appellant, tikkundanna ukoll lill-appellant iħallas lill-appellant l-ispejjeż għal darbtejn.

---